KUNSILL LOKALI **BORMLA** LOCAL COUNCIL

*Citta' Cospicua*

# MINUTI

`

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Is-7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 83/2017

**25 ta' April, 2018**

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Roderick Mamo – Kunsillier
Antonia Perini - Kunsilliera
Noyah Spiteri – Kunsilliera
Pablo Cachia Belli – Kunsillier

**SKUZAT:**
James Cauchi - Kunsillier

**ASSENTI:**
Ivan Agius – Vici-Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**83.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

83.1.1 Is-Sindku qrat e-mail li kien baghat il-Kunsillier James Cauchi u li permezz taghha kien talab illi l-assenza tieghu mis-seduta tigi gustifikata ghal ragunijiet ta' sahha. Fuq kunsiderazzjoni tas-Sa. Noyah Spiteri ssekondata mis-Sa. Antonia Perini, il-Kunsill Lokali unanimament qabeli li l-assenza tal-Kunsillier Cauchi kellha tkun gustifikata.

**83.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

83.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 82 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-Seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

83.2.2 Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa. Alison Zerafa Civelli ssekondata mis-Sa.Noyah Spiteri, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

83.2.3 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

**83.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

83.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-ghada tas-seduta u cioe' nhar il-hamis 26 ta' April 2018, il-Kunsill Lokali flimkien mal-iskola San Frangisk ( Bormla) u Tip Top sports kienu ser ikunu qieghdin jinawguraw mixtla li kienet tinstab fi Triq l-Immakulata.

83.3.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera prezenti illi waqt laqgha li kellha mad-Direttur Generali tad-Dipartiment tat-Tindif kienet iddiskutiet il-posssibilita' illi jerga' jsir infurzar minn membri tal-*Administrative Law Enforcement* flimkien ma' haddiema tal-istess direttorat. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi fir-rigward, meta l-inizjativa giet varata matul l-2017 kienet halliet rizultati pozittivi.

83.3.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienet iltaqghet mas-sur Martin McDonald li min-naha tieghu informa lill-Kunsill Lokali b'attivita' li kien qieghed jippjana li jtella' fil-lokalita' matul Gunju 2018. L-attivita' li kienet tikkonsisti fi tlielaq b'opri tal-bahar kienet ser tkun qieghda tikkoncentra fuq iz-zona ta' Bacir Numru 1. Is-Sa. Zerafa Civelli ghaddiet lill-Kunsill Lokali d-dettalji li kellha sal-mument dwar l-attivita'

83.3.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'laqgha li kienet inzammet ma' rapprezentanti ta' Transport Malta rigward progett li l-istess Transport Malta kienet qieghda tipproponi li jigi implimentat b'konnessjoni ma' servizz ta' ferry mill-bahar li kien jopera mil-lokalita'. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi hekk kif diskuss waqt l-ahhar seduta, f'isem il-Kunsill Lokali kienet esprimiet it-thassib taghha dwar l-istruttura u kien intlehaq qbil illi kellhom isiru pjanti modifikati bil-ghan illi jitnaqqas l-impatt fuq iz-zona in-kwistjoni

83.3.5 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara diskussjoni li kellu l-Kunsill Lokali, u fid-dawl tal-fatt illi l-kumitat ghar-rijabilitazzjoni tal-Kottonera gie mqabbad mill-Gvern Centrali sabiex ifassal pjan strategiku ghall-Kottonera, kien intlehaq qbil illi fil-binja amministrattiva tal-Kunsill Lokali ta' Bormla jinfetah ufficcju temporanju tal-kumitat ghar-rijabilitazzjoni tal-Kottonera. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi l-ufficcju kien qieghed jiffunzjona.

83.3.6 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi nhar il-Hadd 29 t'April 2018, hekk kif maqbul kien ser ikun qieghed jittella' l-festival tal-ktieb tat-tfal. L-attivita' li kienet ser tkun qieghda tinzamm fi Pjazza Gavino Gulia, kienet qieghda tittella' bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

83.3.7 Is-Sindku qalet illi xtaqet illi tirrimarka z-zieda fil-kwantita' u kwalita' ta' xoghol li haddiema li l-Kunsill Lokali kellu assenjati mieghu kienu qieghdin jipproducu. Is-Sa. Zerafa Civelli sahqet illi flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kienet tassenja u tissorvelja x-xogholijiet u kienet innotat bidla sinjifikanti fil-livell ta' xoghol li kien qieghed jiehu l-Kunsill Lokali.

## 83.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

82.4.1 Ma kienx hemm.

## 83.5 Approvazzjoni ta' skedi ta' hlasijiet

83.5.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru04/18) ghall-approvazzjoni.

83.5.2 Fuq proposta tas-Sa. Noyah Spiteri ssekondat mis-Sur Pablo Cachia Belli, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

83.5.3 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali lista' ta' petty cash mahrug matul ix-xahar ta' Marzu 2018 ghall-approvazzjoni.

83.5.4 Fuq proposta tas-Sur Roferick Mamo ssekondat mis-Sa. Antonia Perini, il-Kunsill Lokali unanimament approva id-dokument li jinsab anness u jifforma parti minn dawn il-minuti (DOK B).

## 83.6 Sejhiet ghall-offerti

83.6.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi nhar l-Erbgha 2 ta' Mejju 2018, kien ser jaghlaq il-perjodu ta' sottomissjonijiet ghas-servizz ta' gbir ta' skart goff. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi fir-rigward, fis-seduta segwenti kien ser ikun qieghed jittella' rapport ta' evalwazzjoni ta' eventwali offerti li jkun ircieva l-Kunsill Lokali.

## 83.7 Adjusted Financial statements ghas-sena 2017.

83.7.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara li l-udituri tal-Gvern kien zaru l-Kunsill Lokali u gew ezaminati l-financial statements li kienu gew sottomessi, kienu gew prosposti xi aggustamenti. Is-Sindku stiednet lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jispjega fid-dettall l-aggustamenti proposti.

83.7.2 Wara li s-Segretarju Ezekuttiv spjega l-aggustamenti u wiegeb ghal mistoqsijiet li sarulu mill-kunsilliera, fuq kunsiderazzjoni tas-Sa. Noyah Spiteri ssekondata mis-Sur Pablo Cachia Belli, b'votazzjoni unanima il-Kunsill Lokali approva l-aggustamenti hekk kif proposti

83.7.3 Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-Financial Statements.

83.7.4 Is-Sindku qrat represtation letter minghuta mill-Udituri tal-Gvern Centrali. Wara li kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti dwar il-kontenut tal-istess ittra, s-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv iffirmaw id-dokument.

## 83.8 Mozzjonijiet

83.8.1 <u>*Mozzjoni numru 03/2018*</u>

*Fuq talba ta' diversi residenti partikolarment anzjani fi Triq Wigi Rosato, qieghed nipproponi lill-Kunsill sabiex jikkunsidra li jressaq talba formali lill-awtoritajiet ikkoncernati sabiex issir Bus Stop fi Triq Wigi Rosato, Bormla peress li l-eqred wahda tinsab il-boghod hafna fi triq l-Immakulata*

Proponent : Roderick Mamo
Sekondant : Alison Zerafa
Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima.

## 83.9 Rapporti

83.9.1 Is-Sindku ressqet rapport dwar korrispondenza li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Il-Kunsill Lokali qabel illi kellu jinxtara apparat elettroniku u xi injam bil-ghan illi jsiru disinji fiz-zona ta' San Gwann t'Ghuxa. Id-disinji kellhom jintuzaw fl-okkazjoni tal-GImgha l-Kbira
- Kellha tigi mghoddija lill-Kunsillier Pablo Cachia Belli u lis-Sindku korrispondenza li l-Kunsill Lokali kien ircieva rigward skema ta' taghlim u progetti edukattivi fil-komunita'. Dan bil-ghan illi kemm il-darba jkun possibbli l-Kunsill Lokali japplika sabiex iwettaq progett.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'petizzjoni li kienet saret b'konnessjoni ma' talba ghal *traffic calmer* fi Triq Wigi Rosato.
- Il-Kunsill Lokali gie b'korrispondenza li l-Kunsill Lokali kien ircieva b'konnessjoni ma' installazzjoni ta' fittings tad-dawl biswit monument li kien ser ikun qieghed isir f'bacir numru 1. Kien hemm decizjoni li l-Kunsill Lokali ma' jerfax ir-responsabilita' ghall-konsum tad-dawl rispettiv.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'korrispondenza li kienet intbaghtet lis-Sur Owen Borg, liema korrispondenza kienet tikkoncerna s-servizz li l-istess Sur Borg kien joffri lill-Kunsill Lokali.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'korrispondenza li l-Kunsill Lokali kien ircieva rigward in-*National Enterprise Support Award*.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'ittra li kienet waslet minghand Green MT Ltd, liema ittra kienet tistipula li s-servizzi li Green MT kienet toffri lill-Kunsill Lokali kienu ser ikunu qieghdin jitwaqqfu minhabba diversi fatturi li gew elenkati fl-istess ittra. Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi d-Dipartiment ghall-Gvern Lokali kien gie nnotifikat u informa lill-Kunsill Lokali illi kienu ser jigu mghoddija struzzjonijiet dwar kif l-istess Kunsill Lokali kellu jagixxi.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi l-Assocjazzjoni ghall-Gvern Lokali kienet hadet id-decizjoni illi ma tiggeddidx il-licenzja ghall-*performing rights society.*
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi l-Kunsill Lokali kien oggezzjona ghat-talba tal-Kunsill Lokali sabiex tabelli ta' reklamar li kienu ser ikunu qieghdin isiru f'Bormla ikunu simili ghal dawk li kien hemm diga' fil-lokalita' tal-Birgu.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi Festivals Malta kienet irringrazzjat lill-Kunsill Lokali ghall-kollaborazzjoni fl-organizzazzjoni tal-karnival 2018 fil-kottonera

- Filwaqt Ii ma kellu jkun hemm ebda oggezzjoni ghal applikazzjonijiet ghal zvilupp bin-numri PA.00440/18, PA/09539/17, PA/06293/16, PA/09268/17, PA/03453/18, PA/06912/17, PA/03735/18, PA/013771/8 u PA/02270/18, kellu jigi rregsitrat l-interess tal-Kunsill Lokali f'applikazzjonijiet bin-numru PA/00207/18, PA/02501/18.
- Is-Sindku qrat korrispondenza li kienet intbaghtet mis-Sur Roderick Mamo, liema korrispondenza kienet titlob lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi f'Dicembru jtella' attivita' bl-isem ta' *Diamonds of Fire*, liema attivita' kienet tikkonsisti fi hruq ta' nar sinkronizzat mal-muzika. Wara li fuq stedina tas-sindku l-istess Sur Mamo spjega kif l-attivita' (li kienet tiswa madwar €8900), minkejja li kellha tittella' nhar is-7 ta' Dicembru 2018, kienet tinhtieg hafna preparamenti u ghaldaqstant il-Kunsill Lokali kellu b'mod immedjat jiehu decizjoni dwar jekk kellux jidhol ghall-ispiza msemmija sabiex tittella Diamonds of Fire 2018, segwiet diskussjoni libera. Fost affarijiet ohra s-Segretarju Ezekuttiv sahaq illi peress illi l-attivita' kienet tressqet ghad-diskussjoni wara li kienu thejjew l-estimi finanzjarji ghas-sena 2018 u peress illi l-fond ghall-attivitajiet kulturali kien diga' stabbilit, kien ser ikun difficli li l-attivita' tittella' kollha minn fondi tal-Kunsill Lokali. Bi qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti, gie deciz illi fil-principju l-Kunsill Lokali kellu jidhol ghall-attivita', kemm il-darba jingabru kontribuzzjonijiet li jippermettu lill-Kunsill Lokali ma' jikkommettix ruhu ghal spiza ta' aktar minn €3000 mill-fondi allokati ghal attivitajiet kulturali.

83.9.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali bi zviluppi li kien hemm rigward l-attivita' Cospicua Short Plays Festival li l-Kunsill Lokali kien qieghed jorganizza. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi kienet giet deciza d-data ghal konferenza ghall-istampa li ghaliha kien ser ikun prezenti l-Onor. Silvio Parnis. Fl-istess waqt kien thejja u gie mressaq fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali abbozz ta' disinn ta' l*ogo* ghall-istess attivita', liema abozz gie approvat mill-Kunsill Lokali.

83.9.3 Il-Kunsill Lokali gie ippresentat b'risk assessment report li kien sar minn kumpanija li kienet tqabbdet mill-Kunsill Lokali wara li skont indikazzjonijiet li kellu l-istess Kunsill Lokali. Is-Sindku qalet illi wara li rapprezentanti tal-Occupational Health & Safety kienu ghamlu spezzjoni fl-ufficcju tal-Kunsill Lokali. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi wara l-ispezzjoni msemmija, l-Kunsill Lokali kien gie mmultat minhabba nuqqasijiet li kienu instabu fil-binja amministrattiva. Ghaldaqstant, kienet tqabbdet kumpanija private sabiex taghmel risk assessment tal-istess binja, u tressaq ir-rakkomandazzjonijiet taghha ghal titjib. Wara li s-Sindku qrat ir-rakkomandazzjonijiet li kienet ghamlet il-kumpanija mqabbda, gie

deciz illi kellu jkun hemm azzjoni immedjata sabiex is-sitwazzjoni tibda' tigi ratifikata. Filwaqt li l-haddiema tal-Kunsill Lokali kellhom ikunu obbligati jattendu korsijiet dwar sahha u sigurta', kellu jinbeda' l-process sabiex jigu rrangati zewg kmamar li kienu jintuzaw bhala *toilets* u jinxtraw *fire extingishers*. Fil-futur qarib imbaghad kellhom jigu installati *emergency exit signs* flimkien ma numru ta' mizuri ohra.

**80.18 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

Is-Seduta giet fi tmiemha fid-8:00p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar l-Erbgha 30 ta' Mejju 2018 fis-5:30p.m.

Konfermati, illum 30 ta' Mejju, 2018

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ___________________ | ________________________ |
| **Alison Zerafa Civelli** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |